# In-Niċeċ fin-Nadur

Kav. Joseph Said O.S.J.



Jekk wieħed jimxi fit-toroq tan-Nadur, aktar iva milli le, għandu jiltaqa` ma' xi niċeċ jew statwi li jfakkruna fil-familji tagħna, fil-wirt storiku li jixhed il-kultura, u aktar minn hekk, fil-fidi li kellhom l-antenati tagħna, li juruna f'kull niċċa li tinsab f'xi triq u li ġġib l-istorja tagħha u għaliex qegħda fil-faċċata ta' din id-dar jew triq, li tifforma parti mill-wirt arkitettoniku, flimkien ma' dak storiku ta' pajjiżna, waqt li anke kkontribwiet parti mill-istorja ta' art twelidna.

In-niċċa turina wkoll għaliex tinsab fil-faċċata ta' din id-dar jew triq, u l-importanza storika li postijiet bħal dawn għandhom. In-niċċa jew l-istatwa fit-toroq iqajmu interess u ħafna minna ma nindunawx li dawn in-niċeċ fit-toroq li ngħaddu minnhom u minn quddiem dawn l-istess niċeċ ħafna drabi ma nagħtux kas tagħhom.

Min-naħa l-oħra, huwa gost t'oħrajn, meta jgħaddu minn quddiem xi xbiha minn dawn, josservaw bl-akbar interess il-wirt storiku li dawn in-niċeċ iġorru magħhom, li kienu magħmulin b'devozzjoni jew inkella b'xi wegħda, tant, li f'ħafna minn dawn in-niċeċ wieħed isib xi plakka bl-indulġenza mogħtija.

Wieħed isib ukoll li dawn in-niċeċ huma iddedikati b'xi devozzjoni lejn xi qaddis partikolari, jew anke għall-patruni tar-raħal tagħna, bħalma anke issib fi rħula oħra. F'ħafna minn dawn in-niċeċ fl-irħula kollha, jinsabu niċeċ iddedikati b'mod speċjali lill-Madonna.

Bħalma għidt, għal ħafna dawn kienu jsiru b'devozzjoni jew inkella biex ifakkruna f'xi ġrajja partikolari li kienet seħħet f'xi żmien. Difatti, din id-drawwa li bħalha naraw 'l quddiem, tmur lura għal ħafna u ħafna snin, li għaddew matulhom in-nanniet tagħna. Għalhekk, fin-Nadur, insibu għadd ġmielu ta' niċeċ, li jfakkruna f'ħafna ġrajjiet. Id-devozzjoni tan-Nadurin f'dak iż-żmien jidher ukoll minn xi niċeċ li bdew jidhru u jinbnew 'l hawn u 'l hemm, bosta minnhom juru l-kapaċita` mnaqqxa fl-iskultura tal-ġebla. Ta' min jgħid li fin-Nadur dawn in-niċeċ bdew jidhru sa minn żmien il-Kappillan Grech. Fost dawn insibu li fis-sena 1861 inbniet niċċa fil-pjazza qrib l-knisja iddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. Fl-istess pjazza nsibu niċċa oħra eqdem minn din imsemmija aktar 'l quddiem, imma ma nafux f'liema sena nbniet.

Fil-bidu tas-seklu għoxrin (1900) insibu niċeċ iddedikati lill-Qalb ta' Ġesu`, fi Triq il-Mitħna l-Qadima, illum Triq Papa Ljun XIII. Niċċa oħra iddedikata lill-Qalb ta' Ġesu` insibuha fi Triq Xandriku li dehret fl-1906, u fi Triq Diċembru Tlettax, kantuniera ma' Triq Ċimċem insibu niċċa iddedikata lil San Ġużepp bid-data tal-1877, u niċċa oħra hija ddedikata lill-Madonna li saret aktar fil-qrib.

Żmien ilu sewwa, inbniet niċċa oħra iddedikata lil San Ġużepp fir-razzett tal-Marwel, faċċata tar-Ramla, u fl-istess Ramla f'nofs il-bajja insibu niċċa kbira tal-Madonna. Niċċa storika oħra nsibuha fi Triq Ċimċem, kantuniera ta' Triq Ta' Sajd, iddedikata lill-Madonna ta' Porto Salvo. Fi Triq San Ġwann insibu niċċa oħra antika iddedikata lil San Ġwann li saret fl-1907. Waqt li niċċa oħra li saret fl-istess żmien insibuha fi Triq Wied ir-Rihan iddedikata lil Sant'Antnin. Ta' min jgħid li din in-niċċa hija waħda mill-isbaħ u mill-akbar li jinsabu fin-Nadur. Niċċa oħra mill-eqdem hija dik ta' Triq Xandriku fil-bidu tat-Triq l-Antika li teħodna għall-Imġarr. Barra minn dawk imsemmija fuq, insibu ħafna niċeċ oħra imxerrdin mat-toroq tan-Nadur, li saru matul iż-żminijiet aktar riċenti.

Niġu għalhekk biex ngħidu xi ftit tal-istorja ta' xi wħud minn dawn in-niċeċ li jinsabu hawn:

**Il-Madonna ta' Lourdes jew Ta' Xandriku**

Fil-bidu ta' Triq Xandriku, hekk kif wieħed jitla` mit-triq tax-xatt, jiltaqa' ma' niċċa tal-Madonna ta' Lourdes, jew kif aħna n-Nadurin nafuha, bħala l-'Madonna ta' Xandriku'.

Meta nbniet id-dar antika f'kantuniera tat-triq il-qadima li kienet tagħti għall-Imġarr li aħna nafu bħala 'ix-xatt', fejn illum jinsabu l-playing field u l-grawnd tal-futbol tan-Nadur, is-sidien ta' din id-dar ħasbu biex tinbena niċċa b'faċċata tal-injam. Kienu Xandru u martu, misjuba bħala Xandrikuwa, li għalihom anke t-triq hija msemmija Xandriku, li , imħeġġa mid-devozzjoni li kellhom lejn il-Madonna ta' Lourdes, bnew din in-niċċa. Xandru ma kienx bniedem ħafi, kien tat-tajjeb, u bena din id-dar ħafna u ħafna snin ilu.

Din il-Madonna, b'libsa bajda u faxxa kaħla kellha devozzjoni qawwija min-nies, bosta minnhom is-sajjieda li jienu jinżlu x-xatt, kif ukoll man-nies tal-post u dawk kollha li kienu jgħaddu minn hawn ta' kuljum. Billi kienet f'kantuniera u fil-bidu tat-triq il-ħażina, kif konna u għadha nsibuha llum, ta' bilfors, dawk li kienu jinżlu l-Imġarr, kellhom jgħaddu minn quddiem din in-niċċa mibnija f'kantuniera. U din kienet l-akbar okkażjoni li tara quddiemek il-Madonna.

It-triq il-qadima kienet u għada waħda diffiċli u ta' strapazz biex tgħaddi minnha. F'dawk iż-żminijiet, l-inġenji tal-mutur ma kinux jeżistu. L-uniku mezz biex tgħaddi minn hawn, kien, jew bil-karettun miġbud minn xi bagħal jew xi ħmar, jew inkella tgħaddi bil-mixi. Min kien ikun tiela` x-xatt kien isib diffikulta` kbira biex jgħaddi minn din it-triq imħarbta. Biex titnaqqas it-tbatija, min-naħa l-waħda kien u għadu hemm taraġ biex jitla` u jinżel mingħajr tbatija u min-naħa l-oħra kien u għadu hemm passaġġ dejjaq, bilkemm jgħaddi karettun. Kien perikoluż u ta' tbatija biex tgħaddi minn hemm.

Għal bidu tal-1920, il-gvern biex ineħħi ftit mit-tbatija lil dawk kollha li jagħmlu użu minn din it-triq, kompla fetaħ it-triq prinċipali mill-Imġarr u għaqqad it-triq ma' Triq Xandriku, kif nafuha llum. B'din it-tkomplija tat-triq twarrbet darba għal dejjem it-tbatija li l-poplu kien iġarrab.

Billi issa din it-triq bil-kisra li saret ġiet magħquda mat-triq prinċipali tax-xatt, it-traffiku u inġenji oħra bdew jgħaddu minn din il-kisra l-ġdida u minħabba f'hekk, il-popolarita` tad-devozzjoni lejn il-Madonna fin-niċċa, bdiet tonqos, billi issa ma baqgħux jgħaddu minn quddiemha. It-triq il-ħażina allura ma baqgħetx użata ħafna biex tgħaddi minnha.

Min-naħa l-oħra, din it-triq, hekk imsejħa l-'ħażina', saret mezz ieħor ta' ħtieġa pubblika. Fl-1959, il-Gvern,

permezz tal-Kunsill Ċiviku t'Għawdex, ħareġ is-somma ta' 974 liri Maltin, biex jinbena playing field f'Għawdex, u billi kien il-Kumitat Distrettwali tan-Nadur, li ħareġ l-ewwel wieħed b'din l-idea ta' playing field, kien mess lilna li nagħżlu il-post adattat biex jinbena dan l-istess playing field. Wieħed għandu jkun jaf, li fin-Nadur ma hawnx raba' tal-Gvern, bħalma wieħed isib f'irħula oħra. Il-membri tal-Kumitat Distrettwali tan-Nadur ħabrek u tħabat kemm felaħ biex insibu nixtru lokalita` ċentrali, biex jinbena dan il-playing field. Minkejja dan it-taħbit kollu, ma rnexxilniex insibu lokal adattat. Kienet issemmiet il-lokalita Ta' Xordin imma dan kien jinsab barra miċ-ċentru tan-Nadur. B'dawn id-diffukultajiet quddiemna, il-Kumitat ma seta' jagħmel xejn. Il-Kumitat Distrettwali tax-Xagħra sabu lokalita` fejn riedu u kemm riedu, li kienet proprjeta` tal-Gvern u ma kellhomx diffikulta`.

Il-Kumitat Distrettwali tan-Nadur sab ruħu f'diffikulta` minħabba l-għażla u l-lokalita` tal-post propost. Sibna theddida quddiemna. Ġejna mgħarrfa uffiċjalment, illi jekk sa żmien ħmistax-il ġurnata ma nissuġġerixux lokal fejn jista' jsir il-playing field, konna ser nitilfu il-flus maħruġa għal dan il-għan. Għalhekk il-Kumitat, kontra qalbu, kellu jagħżel it-triq il-qadima, li kienet tiġi bejn Triq Xandriku u Triq l-Imġarr. Dan il-lokal ma kienx magħżul minn qabel minħabba ċ-ċokon tiegħu. Dan ilkoll konna nafuh, iżda kellna nagħlqu għajnejna minħabba dik it-theddida. Sibna tfixkil kbir mingħand l-awtoritajiet għax qalu li hawn ser jintefqu ħafna flus għalxejn. Imma x-xorti riedet li l-ħabib tiegħi il-Perit Joseph Huntingford, Alla jaħfirlu, li barra milli kien ħabib personali, kellu simpatija kbira lejn in-Nadur, kien deċiż li l-playing field ser ikun ġawhra għal Għawdex. Kien bis-saħħa tal-perit Huntingford li l-awtoritajiet iddeċidew li l-playing field isir fil-lokal li kien għażel il-kumitat. Il-perit Spiteri, li ġie wara Huntingford, kompla jmexxi x-xogħol skont il-pjanta u żied park u playing ground. Huwa veru li l-playingfield kien daqsxejn żgħir, imma dakinhar li tlesta kien fih għaxqa u li minnu kienet titgawda l-isbaħ panorama li ssaħħrek. Wieħed kien jista` jgawdi x-xena stupenda ta' kważi nofs il-gżira t'Għawdex, minn Ta' Sannat sal-Qala, kompriżi x-Xewkija, Għajnsielem, l-Imġarr u Kemmuna, il-Fliegu u x-xaqliba kollha ta' Malta li tħares lejn Għawdex. Mhux ta' b'xejn li l-poetessa Għawdxija, Mary Mejlak kienet imsaħħra b'din il-veduta ta' Xandriku li qanqlitha tikteb poeżija l-ġmiel tagħha fuq Xandriku.

Il-kuluri differenti f'kull terrazzin, bil-ħxejjex u siġar apposta, il-bankijiet b'kuluri differenti, il-bandi u s-swings, kienu verament għaxqa. Wieħed m'għandux iħares lejn il-playing field illum, li jinsab fi stat ta' abbandun. Mill-proġetti kollha li kellna f'moħħna, kien jonqos il-playground, u biex kollox jirnexxi, il-Kumitat Distrettwali iddeċieda li jixtri biċċa raba`, Ta' Troppu, li qiegħda bejn l-imsemmija Triq il-Ħażina u Triq l-Imġarr, iżda rajna li din il-biċċa raba` kienet żgħira wisq biex tintuża bħala playground. Wara ħafna ħsieb u studju ddeċidejna li nibnu l-playground fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-playing field, matul it-triq li tagħti għall-kisra ta' Xandriku. Deherilna li kien hemm wisa` biżżejjed biex isir playground imdaqqas.

Għad li x-xogħol fuq dan il-playground kien inbeda, kien baqa` ostakolu ieħor. Il-biċċa raba` li kienet tal-gvern matul Triq l-Imġarr kienet ta' 150 pied tul u kienet tibqa` tiela matul il-playingfield. Imma din ma kinitx biżżejjed. Kellimna lis-sid tar-raba` li kellna f'moħħna nixtru, imma ma riedx iċedilna r-raba` li kellna bżonn. Il-ħsieb kien li jekk ngħaqdu din il-biċċa raba`, il-grawnd kien jiġi mdaqqas ġmielu. Kif effettivament narawh illum.

Jiena, bħala Segretarju u Rappreżentant tan-Nadur fil-Kunsill Ċiviku t'Għawdex, ressaqt mozzjoni dwar il-ħtieġa ta' 'forged expropriation order' ta' għalqa li tinsab ħdejn il-playingfield li kien qiegħed jinbena fin-Nadur, dwar din l-istess għalqa li kellna bżonn. Il-Kunsill Ċiviku t'Għawdex qabel ma' din il-mozzjoni, mhux talli, imma iddeċieda wkoll li l-flus meħtieġa jiġu mill-fondi tal-Kumitat Distrettwali tan-Nadur. Meta s-sid sar jaf b'din id-deċiżjoni, ikkuntenta li jċedielna din l-għalqa.

Wara li saru l-preparamenti meħtieġa, jiena, bħala Segretarju tal-Kumitat Distrettwali u anke bħala Rappreżentant tan-Nadur fil-Kunsill, fthemt mal-Prokuratur tal-Patrijiet Dumnikani, li tagħhom kienet l-għalqa, u li kien assisstit mill-avukat Ġuże` Pace, li kien propretarju u żviluppatur ewlieni tal-bini.ta' ħafna raba` fil-lokalita` li llum insibuha bħala Paceville. Difatti għalhekk l-isem hu Paceville, billli l-lokalita` kienet tal-aħwa Pace. Minħabba dan ir-raba` Ta' Troppu, kienet saret skrittura privata bejn il-patrijiet imsemmija u bejni, bħala rappreżentant tan-Nadur fil-Kunsill Ċiviku t'Għawdex, li kienet tgħid li qiegħda ssir bidla bejn il-biċċa raba` li kienet tinħtieg għat-tkabbir tal-grawnd ma' biċċa raba` oħra tal-Gvern li tiġi 'l fuq mill-playground. Dan il-ftehim qassar biċċa sewwa miż-żmien meħtieġ biex jitkabbar il-grawnd. Sewa wkoll dan il-ftehim biex in-Nadur ikollu grawnd imdaqqas, li tajjeb jew ħażin, qiegħed jaqdi l-bżonnijiet sportivi kemm għan-Nadurin kif ukoll għal dawk l-isportivi barranin li ta' kultant jeħtiġuh.

Nerġgħu niġu għan-niċċa tal-Madonna, li fi Frar 1934, l-Isqof t'Għawdex, Giovanni M. Camilleri ta 50 jum Indulġenza lil kull min jgħaddi minn hawn u jgħid Salve Reġina quddiem din ix-xbieha. Din il-mossa min-naħa tal-Isqof għenet ħafna biex 'l quddiem u f'qasir żmien il-ġirien ta' Triq Xandriku, dawk il-ħafna li kienu jgħaddu minn hawn, kienu jinġabru u jgħidu r-Rużarju. Din in-niċċa kienet waħda minn dawk li kienu jiġu mdawla bil-fjakkoli, qabel ma daħal id-dawl elettriku li fil-festa tagħha flok dawn il-fjakkoli bdew jidhru l-bozoz. Il-popolarita` ta' din in-niċċa kienet tant kbira, li kienu jingħataw diversi donazzjonijiet ta' flus li fil-festa tagħha, kienu sors ta' dekorazzjonijiet u għors għan-Nadurin.

**In-Niċċa tal-Madonna tal-Karmelu**

Niċċa oħra li nsibu fiċ-ċentru tan-Nadur, li hija popolari u devota u li ma tagħmilx għajb lil dik ta' Xandriku, hija n-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu, li tinsab ħdejn il-knisja aħna u deħlin lejn il-Pjazzetta, illum Pjazza Arċipriet Martin Camilleri. Barra mil-lokalita` u popolarita` ta' din-niċċa, insibu storja oħra warajha, tal-akbar importanza soċjali, fejn, għall-ewwel darba fil-lokalita` tan-Nadur, fl-1842 twieled it-tagħlim tal-edukazzjoni, wara dak tar-Rabat. Is-sena 1842 tfakkarna f'dik il-ġurnata ta' meta nfetħet it-tieni skola f'Għawdex f'dan il-post, li dakinhar kien akbar milli narawh illum, billi parti kbira minnu ittieħdet għall-kostruzzjoni matul iż-żminijiet.

Fil-kantuniera ta' din id-dar antika, inbniet niċċa sabiħa, biex titqiegħed xbieha oħra tal-Madonna, din id-darba tal-Karmnu, niċċa li nbniet ħafna snin wara li nbniet din id-dar imsemmija, meta l-knisja li għandna llum, kienet għada ma nbnietx. Ta' min jgħid, li s-sidien ta' din id-dar, imsejħa Ta' Żerżura, laqam li m'għadux jeżisti, kienet inxtrat

mingħand nies, aktarx Maltin, li kienu jgħixu f'Tunes, billi dakinhar kien hemm negozju kbir bejn il-Maltin u n-nies ta' Tunes, difatti ħafna nies kienu jgħixu hemm u kienu misjubin bħala Maltin ta' Tunes.

Anke din in-niċċa, bħal ħafna oħrajn eżisteni fin-Nadur, inbniet minħabba xi grazzja li kienet inqalgħet. L-istatwa ta' din in-niċċa turina l-Madonna bil-Bambin, u f'idha l-leminija qiegħda żżomm il-labtu tal-Karmnu. Fil-ġebel ta' taħt il-Madonna, insibu ġakolatorja mnaqqxa bil-kliem. "O Marija, Ġmiel tal-Karmelu, itlob għalina'. Bħan-niċeċ oħra fin-Nadur, kienu jsiru festini ad unur tal-qaddis fin-niċċa. U anke hawn, fis-16 ta' Lulju, ta' kull sena, il-jum li kienet taħbat il-festa tal-Karmnu, in-niċċa kienet tkun imżejna bil-fjakkli, meta ma kienx hawn elettriku, u wara, dawn ġew mibdula f'bozoz ikkuluriti li meta kien hawn l-elettriku, barra il-bukketti tal-fjuri u tiżjin ieħor ta' bandalori fil-lokal tal-qrib. Tajjeb wieħed jgħid, li din in-niċċa antika ġiet irestawrata u l-istatwa nnifisha ġiet sgraffjata min-nies esperti, b'tali mod, li d-dehra ta' din l-istatwa reġgħet irritornat għaż-żmien li kienet impoġġija l-ewwel darba, ħafna u ħafna snin ilu. Dan kollu ġara, grazzi għall-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri, li ħabrek kemm felaħ biex jirnexxi dan ix-xogħol.

Barra mil-lokalita` popolari ta' din in-niċċa antika, insibu li teżisti storja oħra importanti, li kabbret il-ħajja soċjali tan-Nadurin, hija dik is-sena li fiha nfetħet skola f'dan l-istess lokal, li fil-kantuniera tiegħu tinsab in-niċċa imsemmija. Id-dar li kienet ta' ċertu Mikieli Bartolo, inkriet lill-Gvern biex fiha tingħata l-edukazzjoni lit-tfal subien u bniet ta' din in-naħa t'Għawdex. Insibu li l-ħlas tal-kera kien ta' ħames liri fis-sena. Din l-iskola kienet isservi biex jitgħallmu fiha t-tfal t'Għajnsielem, tal-Qala u finalment anke dawk tan-Nadur. Skont il-gazzetta tal-gvern insibu li



**In-Niċċa tal-Madonna tal-Karmelu**

fl-1842, it-tfal imsemmija, bdew jinġabru f'din l-iskola biex jieħdu l-edukazzjoni meħtieġa għal dak iż-żmien.

Dr. Giuseppe Xuereb, L.L.D (bil-laqam 'Ta' Ħmejda'), kien is-surmat inkarigat ta' din l-iskola. Sal-bidu tal-1851, kulma jmur aktar bdiet tkun popolari. Difatti f'din is-sena nsibu li l-popolazzjoni ta' tfal subien u bniet kienet ta' 124: 62 subien u 62 bniet. Numru sabiħ għal dak iż-żmien. Sas-sena 1843 (sena wara) in-numru ta' tfal subien tela' għal 86, liema numru ta' 15 aktar minn dawk li kienu jmorru fl-iskola tar-Rabat.

Ir-raġuni li din it-tieni skola f'Għawdex li nfetħet fin-Nadur u mhux f'xi lokalita` oħra huwa l-fatt li l-aspetti demografiċi u l-importanza tal-kobor tan-Nadur li kien ilaħħaq terz tal-kobor t'Għawdex, kemm fid-daqs kif ukoll fil-popolazzjoni li fl-1842 kienet ta' 14,342 li minnhom kwart jew 3,295 kienu persuni li jgħixu fin-Nadur u fil-lokalitajiet tal-madwar li kien għadhom m'humiex irħula. Jeżisti wkoll il-fatt li l-parroċċa tan-Nadur kellha importanza kbira f'Għawdex meta pparagunata ma' parroċċi oħra.

Tajjeb li wieħed għandu jibqa' jikkummenta u jikkonsidra fuq is-sitwazzjoni edukattiva fit-territorju tan-Nadur f'dawn iż-żminijiet. Insibu difatti li fl-1861, 114 tifel u tifla kienu jmorru l-iskola tan-Nadur kuljum. B'hekk il-persentaġġ ta' tfal li kienu jmorru l-iskola kien ta' 38% mit-total tal-popolazzjoni tan-Nadur. Insibu wkoll, skont il-gazzetta tal-gvern tas-sena 1859, illi l-iskola elementari tan-Nadur għamlet rekord fi kwantita` ta' wirjiet li ppreżentat għall-istess esebizzjoni tat-tfal ta' Malta u Għawdex. Tant, li bħala riżultat ta' din l-esebizzjoni, il-Kan. Paolo Pullicino, li kien direttur prinċipali tal-iskejjel elementari f'Malta u Għawdex f'dak iż-żmien, kien kiteb personalment "li kien impressjonat bl-entużjażmu u t-tagħlim ta' livell għoli fin-Nadur", u kompla jgħid, "Ne credo dover ammettere le scuole del Nadur, segnatamente quella dei maschi, la quale e` diretta con molto attivita` e zelo dal Maesto Rev. Don Salvatore Vella". Data: 17/10/1853.

Interessanti li wieħed josserva wkoll li fl-esebizzjoni tat-tfal tal-iskejjel elementari li saret fir-Rabat fl-1859, ir-riżultat kien dan li ġej:

Fir-Rabat kien hemm 6 subien u 7 ibniet li ħadu sehem waqt li fin-Nadur kien hemm 5 subien u 7 ibniet li ħadu sehem.

It-tfal subien tar-Rabat ippreżentaw 38 xogħol letterarju mentri t-tfal subien tan-Nadur ippreżentaw 34 xogħol letterarju.

Il-bniet tar-Rabat imbagħad ippreżentaw 9 xogħlijiet letterarji, mentri dawk tan-Nadur ippreżentaw 10 xogħlijiet letterarji.

Fil-Handcraft insibu li daħlu 10 ibniet u dawn kienu kollha min-Nadur. Ħadd ma kien mir-Rabat.

Insibu wkoll illi mill-popolazzjoni tan-Nadur, 1690 ruħ minnhom kellhom xogħol tal-qliegħ bħalma huma bizzilla, nissieġa, bdiewa, baħrin, sajjieda, bennejja u bajjada, furnara, mastrudaxxi, baħħara, ħaddieda, ħajjata, qassisin, negozjanti u oħrajn.

Mill-1842 sas-sena 1897 il-kapijiet tal-iskola tan-Nadur kienu: Dr . Xuereb (1842-1850); P.Paul Castagna (1850-1851); Rev. Salv Vella (1851-1897);

Il-kapijiet tal-iskola nisa kienu: Miss Ludovica Gravagna (1842-1861); Miss Costanza Gravagna (1861-1880) u Miss G. Sapiano (1880-1902).